**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 8 ta’ Awwissu, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**Ludvic (Ludvic-Paul) Muscat**
**(K.I. 0200078M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Ludvic (Ludvic-Paul) Muscat** li ġie akkużat talli nhar l-ewwel (01) ta’ Awwissu, 2022, għall-ħabta tas-sitta ta’ filgħodu (06:00hrs) waqt li kien fi Triq Efesu, San Pawl il-Baħar;

1) Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 1548 N. Galea u PC 373 A. Pace persuni inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jaġixu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti,

2) u aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta’ natura ħafifa fuq PC 1548 N. Galea skond kif iċċertifika Dr. Karl Cutajar M.D. (Reg. No. 4108) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta, Malta;

3) u aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq PC 373 A. Pace skond kif iċċertifika Dr. Karl Cutajar M.D. (Reg. No. 4108) miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta, Malta;

4) u aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu;

5) u aktar talli fl-istess data, lok, matul il-ħin indikat u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

6) u aktar talli fl-istess data, lok u fil-ħinijiet ta' qabel bħala persuna responsabbli mill-istabbiliment magħruf bħala Game Pub and Diner, li jinsab fi Triq Efesu San Pawl il-Baħar, ħallejt persuna tibqa' fil-ħanut fil-ħinijiet li dan il-ħanut għandu jinżamm magħluq u/jew ħallejt li jingħata xorb kemm bil-ħlas jew bla ħlas matul dawk il-ħinijiet.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiritra s-sitt (6) imputazzjoni u l-addebitu tar-reċidiva;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-pieni relattivi għall-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi minn dak li ġie relatat mid-difiża, u konfermat mill-Prosekuzzjoni, l-imputat kien safa aggredit ftit tal-minuti qabel minn terzi persuni. Mill-filmat esebit mill-Prosekuzzjoni jirriżulta illi meta l-Pulizija marru jħabbtu fuq il-bieb tal-istabbiliment Game Pub and Diner, l-allegat agressur kien qiegħed mal-Pulizija. Illi d-difiża stqarret li l-imputat ma għarafx mill-ewwel lill-uffiċjali tal-Pulizija peress li dawn kienu lebsin t-shirt u mhux l-uniformi solita tagħhom u ħasibhom ġew biex jaggreduh.

Illi l-Qorti hija tal-fehma illi tenut iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, anke kif jidhru mill-filmat esebit, huwa idoneju li tapplika sentenza ta' priġunerija sospiża u wkoll tinfliġġi multa fil-minimu tagħha.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 96, 221, 338 (dd) u 338 (ff) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Ludvic (Ludvic-Paul) Muscat** ħati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġu sospiżi għal żmien sena (1) mil-lum u għal multa ta' erbat elef ewro (€4000).

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati il-konsegwenzi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor fi żmien sena (1) mil-lum.

Fl-aħħarnett, il-Qorti qiegħda toħroġ Ordni ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jiġu kawtelati PC 1548 Nicholas Galea u PC 373 Anthony Pace għal żmien sena mil-lum taħt penali ta' ħames mitt ewro (€500) u dan bil-kundizzjonijiet kollha elenakti fid-digriet anness mal-preżenti sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur